# 60 Sena mit-tqegħid tal-Ewwel Ġebla

Fil-ħajja tal-bniedem, sittin sena huma meqjusa għomor sabiħ. Ta' sittin tasal għall-pensjoni u tibda taħseb biex tieħu l-ħajja ftit aktar *easy*. Wieħed jibda jagħmel il-kontijiet u jaħseb li issa, li se jidħol fit-*terza* età, jkun jista' jingħata għal xi ħaġa li toħloqlu interess ġdid u tgħinu jagħti ftit mill-esperjenza li kiseb għall-ġid tal-oħrajn. U hekk hu tassew.

Imma dan ma jgħoddx għall-ħajja tal-komunità. F'sittin sena l-komunità tkun għadha bħal blanzun qed jiftaħ, kollu ħajja u fwieħa, donnu jrid jesplodi bl-entużjażmu. Hekk narahom jien dawn l-aħħar sittin sena fil-ħajja tal-Parroċċa ta' Burmarrad.

Għaddew sittin sena minn dakinhar tas-17 ta' Frar 1967, meta f'atmosfera ta' festa Burmarrad stenbaħ għall-isbaħ jum fl-istorja tiegħu - wara dak li fih, madwar elfejn sena qabel, ir-Rgħajjes tal-gżira, Publju kien laqa' għandu 'l Appostlu tal-Ġnus, Pawlu ta' Tarsu.

Kien sebaħ il-jum li fih ħolma ta' poplu żgħir, ftit nies b'rieda tal-azzar, kellha tibda sseħħ. Arja ta' festa meqjusa, b'erba' antarjoli u n-nies tar-raħal ċkejken se jtiru bil-ferħ. U minn dak il-jum Burmarrad ma ħares qatt lura. Kien determinat li jimxi 'l quddiem. U għamel passi ta' ġgant. B'wiċċ frisk u bla ebda tikmixa, b'ħarsa serena u tbissima fuq xuftejha, tixhed qalbha żagħżugħa li taf tistenna l-għada wara lejla b'sema jħammar, għex dejjem b'tama sħiħa fi kliem Dak li qal: "Jien hu il-Ħajja" u fil-ħarsien ta' Dik li f'Qalbha jsib kenn imqar l-ixref midneb, ħarstu dejjem lejn in-nir kaħlani li jinfirex fuq il-ħdura tar-raba' saqwi tal-wita, pass wara l-ieħor, bl-akbar qlubija, kiber fil-għadd u fl-għożża tal-familja, l-mixtla tas-soċjetà.

Ġenerazzjoni wara l-oħra, taħt it-tmexxija ta' kappillani għaqlin li lkoll taw sehemhom bla xeħħa, llum bħall-bieraħ, Burmarrad għadda dejjem 'l quddiem. U l-Knisja militanti li titqabad f'dan il-wied ta' dmugħ tħares lejn l-aħwa tal-Knisja Purganti li jistrieħu bejn l-erba' ħitan taċ-ċimiterju, jistennew il-glorja tal-Qawmien u magħna li bħalhom nistennew li fl-għamajjar ta' dejjem, għalenija nkantaw il-kantiku tal-Ħaruf il-Maqtul, imma li hu ħaj u li jgħix għal dejjem ta' dejjem.

Din hi d-dehra ta' Burmarrad ta' min qed jikteb fil-għabex tal-ħajja, wara tmienja u tmenin sena, u li bla ma jpoġġi ebda limitu għall-Providenza Divina, jħoss li b'din il-kitba li tista' tkun l-aħħar kitba, jfisser u jtenni ħajr għall-ġid kollu li sar u nkiseb f'dawn l-aħħar sittin sena, bit-tama u t-talba, li dan il-ġid joktor u jinfirex fost l-ulied kollha ta' dan ir-raħal, li miegħu għandi rabta speċjali u li lejh inħossni grat, għax fil-ħajja saċerdotali tiegħi, kabbarni fl-imħabba lejn Kristu u l-Knisja tiegħu.

Jalla dawk li tbegħdu fit-triq tat-telfien, jerġgħu lura f'dirgħajn il-Missier li jistennihom bil-ħerqa u b'imħabba bla tarf, biex mal-bewsa tal-maħfra u ċ-ċurkett tal-għerusija, jieħdu posthom fil-Mejda taċ-Ċena tal-Ħaruf.

Kull min iħobb 'l Kristu ma jistax ma jħobbx lill-aħwa, li għalihom ukoll Ġesù xerred demmu u li għalihom, San Pawl Missierna kien lest li jsir "*anatema*".

**P. Alfons M. Sammut OFM Conv.**